# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **25** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **it-Tnejn 22 ta' Settembru 2014 fis-6.00p.m.**

**L-Ewwel Seduta**

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sur John B Camilleri<br>Is-Sinjorina Desiree' Attard |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skrivana | Is-Sinjura Lucille Bonnici |

***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 24.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Mistoqsijiet.
6. Mozzjonijiet.
7. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
8. Aġġornament.


Mayor
**Mario Calleja**

Vice Mayor
**Desiree` Attard**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Charlot Mifsud**
**Charlot Cassar**
**Elisabeth Cassar**
**Lawrence Ciantar**
**Daniel Spiteri**
**Sandro Gatt**

Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 ***Qari w approvazzjonital-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 24(1) tat-18 ta' Awwissu 2014:**

1.1.2 Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

***Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti u l-Kunsillier s-Sur Sandro Gatt issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet***

***Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

2.1 **Laqgħa Nru 24(1) tat-18 ta' Awwissu 2014:**

2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa rigward paġna 3 punt nru. 3.1 minħabba illi jinsab iddiżgustat bil-vandaliżmu illi qed jsir fil-lokal tagħna.

Is-Sindku wieġbu illi kien hemm grupp ta' żgħażagħ illi għawġu t-tabelli u anke kissru l-*bins*. Apparti minn hekk qalgħu kantun minn ħdejn il-Ġnien ta' San Tumas u tefugħ fit-triq quddiem il-villel fejn persuna bil-vettura baqa dieħel ġo dan il-kantun u għamel ħsara konsideroveli fil-qiegħ tal-karozza.

Huwa kompla jispjega illi l-*mobile van* tal-puluzija ser issir fuq il-bankina ħdejn il-magħluq jiġifieri faċċata tal-*bridge* għaliex il-post propost qabel kien ser jħassar l-*iskyline*. Is-Sindku kompla jispġjega illi ser jkun hemm ukoll puluzija jduru *on foot*.

Is-Sindku qal illi meta kienu ltaqgħu mar-rappreżentanti tal-*Lands* huwa saħaq fuq l-abbużi li qed jsiru bl-imwejjed u siġġijiet fejn ġie deċiż illi l-passaġġ għan-nies fuq il-bankina ser jkun bejn it-triq u l-imwejjed u mhux kif kien qabel.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-abbużi fil-bandli ta' Pjazza Mifsud Bonnici għadhom qed jsiru saħansitra l-imwejjed qed joħorġuhom fuq il-*rubber flooring*.

Is-Sindku wieġbu illi fil-bandli jrid jsir xi tip ta' sinjali fl-art kif ukoll xi *bollards* iżda l-laqgħa li kellha issir mal-lands fuq il-post tħassret. Huwa żied jgħid illi huwa tal-opinjoni illi jsiru *u shaped barriers* imma iktar baxxi.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal li l-importanti huwa li wara li nieħdu azzjoni jrid jsir l-*enforcement*.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li kien ra persuna faċċata tas-*summer nights* tniżżel persuna li tuża s-siġġu tar-roti fejn ma setax jidħol għal ġol bandli minħabba vettura pparkjata ħażin li kienet qed tagħlaq l-aċċess.

Is-Sindku qalli illi f'dak il-każ kellu jċempel lill-puluzija.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li la issa l-għassa tal puluzija ser tkun viċin il-bandli allura l-kameras li hemm fuq l-iskips indawruhom għal fuq t-triq. Huwa staqsa ukoll jekk hux l-għassa ser tibqa miftuħa.

Is-Sindku wieġbu illi l-għassa ser tibqa miftuħa imma jekk il-*mobile van* ser tkun ta' suċċess kieku ir-ridott jiġi restawrat u jinfetaħ bħala post storiku.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa jekk il-laqgħa mal-lands hux ser ssir, sabiex insolvu l-problema fil-bandli.

Il-Kunsill qabel unanimament illi qabel ma jitwaħħlu l-*bollards* issir il-laqgħa mal-*lands* sabiex jiġu approvati min-naħa tagħhom.

2.1.3 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 5 l-aħħar paragrafu jekk l-iskart hux qed jiġi mormi kif suppost.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi anke kif kien ġie diskuss waqt laqgħa mal-Green MT ċertu kuntratturi qed jiġbru l-iskart mingħand il-privat u jiġi miżjud mal-iskart li jinġabru mil-lokalitajiet u għaldaqstant għanda tinħoloq sistema aħjar.

Is-Sur Montebello tal-Wasteserv spjega illi lokalitajiet żgħar tista tiġi solvuta l-problema għaliex jitħwaħħal miżien mat-trakk li jiġbor l-iskart u jintiżen l-iskart li qed jiġi miġbur, iżda lokalita` bħal tagħna hija iktar diffiċli sabiex tikkontrolla l-abbużi minħabba li fil-lokalita` jinsabu ristoranti ukoll.

2.1.4 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa rigward paġna 8 punt nru 8.7 fuq il-latrini.

Is-Sindku wieġbu illi wara li l-Kunsill kien qabel illi issir latrina waħda bi ħlas, l-MTA issuġġerixxu illi l-latrini kollha jsiru bi ħlas u jiġu modernizzati u jkunu jistgħu jinżammu iktar nodfa.

Is-Sindku kompla jgħid illi l-kuntrattur preżenti qed jagħmel l-almu tiegħu sabiex il-latrini jiżammu nodfa iżda meta jmur sabiex inaddaf il-latrina li jmiss in-nies jilħqu iħammġu l-latrina li jkunu għadhom kif naddfu.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li ġieli il-latrini ma tnaddfux kull darba li suppost jitnaddfu għaliex ġieli kien hemm il-firem neqsin.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal li fl-opinjoni tiegħu għandhom jiġu privatiżżati.

2.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri spjega fuq paġna 8 punt nru 8.4 fejn spjega illi dawn iż-żgħażagħ waslu lejn l-aħħar tal-applikazzjoni tal-proġett u jekk jiġu klassifikati mal-aħjar 10 ser jirbħu madwar €3000 biex il-proġett tagħhom ikun jista jitwettaq.

Is-Sindku qal illi ser jsir proġett bejn Siret u Chojna liema proġett ser jitwettaq hawn Malta u anke ser jgħatuna xi fondi sabiex nkopru l-ispejjez fejn dawn l-istudenti jistgħu jgħinu f'dan il-proġett. Huwa kompla jispjega li dawn iż-żgħażagħ jibqaw jikwalifikaw illi jifformaw parti minn dan il-grupp sakemm jgħalqu 18 il-sena.

➢ ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud daħal għal laqgħa fis-7.00pm***

***Sospenzjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi żewġ punti mill-komunikazzjoni***

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Ħinijiet tal-Impjant tar-Riċiklaġġ:**

Is-Sur Tonio Montebello spjega lill-Kunsilliera kif inhu l-operat ta' dan l-impjant. Huwa qal illi fl-impjant hemm ħafna problemi iżda qal illi ħafna mill-problemi qed jiġu ndirizzati u solvuti. huwa kompla jispejga illi meta jkun hemm l-ħsarat l-iskart kien qed jinżamm fl-impjant u għaldaqstant kien qed jikkaġuna ħafna rwejjaħ.

Huwa kompla jispjega illi bdew sistema ġdida illi meta jkun hemm dawn it-tip ta' ħsarat l-iskart qed jibqu sejjer bih l-Għallis minflokk jinżamm ġewwa l-impjant ta' Sant'Antnin.

Is-Sur Montebello spjega illi meta jiftħu t-tankijiet sabiex jiħdol l-ossiġenu jkun hemm iktar irwejjaħ.

Profs Buhagair qal illi huwa dejjem qal illi fl-impjant jiġġenera rwejjaħ differenti f'żoni differenti. Huwa kompla jgħid illi ż-żona tat-tankijiet jkun hemm ammont ta *mercaptins* u dan jirriżulta għax il-*water locks* ma kienx qed isirilhom manutenzjoni. Huwa ssuġġerixxa illi l-manutenzjoni ssir wara li l-pubbliku jkun nfurmat b'din il-manutenzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-ġimgħa li għaddiet minn ħdejn il-bandli ta' Pjazza Mifsud Bonnici kien hemm riħa nsapportabbli.

Is-Sur Montebello qal li r-riħa nxtamment anke miż-Zejtun. Huwa kompla jispjega illi ż-żibel mhux qed jitħalla ġewwa l-impjant matul il-*weekend*. Huwa qal illi mpjegaw 16 il-ħaddiem sabiex inadfu u dan qed isir sas-2.00a.m. Huwa saħaq illi il-futur tal-impjant huwa jekk tiġi introdotta il-borża organika.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-bieb tal-*compost shed* dejjem jkun miftuħ.

Profs Buhagiar qal illi fil-*bring in sites* in-nies qed jitfgħu materjal illegali u huwa ssuġġerixxa illi jsir moniteraġġ ta' dawn il-*bring in sites.*

Il-Kunsillier is-Sur John Buhagiar staqsa għaliex dan l-aħħar fir-*reception area* qed jkun hemm riħa tinten.

Is-Sur Tonio Montebello qal li hu jagħmel il-*budget tiegħu* qabel il-gvern jħejji l-budget biex ikun jista jgħaddieh lill-Ministeru konċernat.

Is-Segretarju żekuttiv talab lis-Sur Montebello sabiex jikkunsidra li jagħti l-għajnuna fid-dawl tal-Milied u li ma kienx hemm għalfejn li jintrema dawl daqs sentejn ilu.

Is-Sindku talbu sabiex jekk hux possibli jżejnu Triq ix-Xatt, Triq is-Salini, Pjazza Dun Tarċis Aguis.

Is-Sur Tonio Montebello talab li nibagħtu r-rikjesta tagħna bil-miktub u huwa qal li xi għajnuna jgħatuna għal-milied.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar daħal għal laqgħa fis-8.00pm***

Ġiet diskussa wkoll il-problema tal-ħsejjes f'dan l-impjant li kienet qed tiġi ndirizzata.

Il-Kunsill irringrazzja lis-Sur Montebelli talli kien preżenti għal din il-laqgħa.

Is-Sur Montebello rringrazzja lil Kunsill u talab lil Kunsill sabiex jikkunsidra l-estenzjoni tal-ħinijiet u qal illi jekk jkun hemm xi problemi u l-Kunsill ma jkun kuntent bl-operat allura jerġu jiġu diskussi l-ħinijiet. Is-Sur Montebello talab li l-Kunsill japprova l-estensjoni tal-ħiniiet bil-kundizzjoni li l-permess ikun revokabbli. Is-Sur Montebello sostna li t-talba għal estensjonifil-ħinijiet kienet biex ikunu jistgħu inaddfu iktar b'hekk jitnaqqas l-inkonvenejnt ta' rwejjaħ lir-residenti.

Profs Buhagiar qal li illi l-impjant tad-drenaġġ ġieli jintenn minħabba l-*isludge* u s-sapun.

Profs Buhagair issuġġerixxa illi fl-*agreement* għandna nagħmlu kundizzjoni illi jekk jkun hemm ħsejjes mill-*blowers*, magni, *extrectors* eċċ allura l-operat għandu jerġa jmur lura kif kien.

3.2 **<u>Proposta ta' kollaborazjoni Farm Advisory Service Consortium (35/3292/14/I):</u>**

Is-Sur Dimech rappreżentant mill-*Farm Advisory* spjega li din hija skema tal-unjoni ewropeja fejn bdiewa mill-lokalita` jiftehmu bejniethom fuq produzzjoni ppjanata sabiex jkabbru prodotti u jinbiegħu lir-residenti fil-lokal tagħna bil-*pre order*. Huwa qal li din hija skema ġdida u s'issa l-ebda Kunsill għadu ma ħa din l-inizjattiva.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt staqsa kif ser jsir il-marketing ta' din l-inizjattiva.

Is-Sur Dimech qal illi bħala *farm advisory* huwa jieħdu ħsieb illi jikkordinaw mal-bdiewa u aħna bħala Kunsill inħabbru din l-inizjattiva billi nibgħatu ittra lir-residenti, u nħabruha fil-magazine tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi mportanti ferm li jkun hemm quality checks biex jassiguraw li l-prodott jibqa dejjem tajjeb.

Is-Sur Dimech qal illi l-Kunsill jrid jikri xi garaxx jew post alternattiv sabiex ir-residenti jkunu jistu jiġbru l-ordni tagħhom.

Is-Sindku ssuġġerixxa illi jsir ftehim mal-Kappillan sabiex tintuża s-sala.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-ewwel jridu jiċċekjaw jekk hemmx xi bdiewa nteressati.

***Sospenzjoni tar-regolamenti sabiex jkomplu jiġu diskussi il-punit illi joħorġu miill-minuti.***

2.0 ***<u>Punti li joħorġu mill-Minuti:</u>***

2.1.6 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard staqsiet fuq paġna 8 punt nru.8.9 staqsiet jekk il-magazine hux ser jitella *online* biss.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa jekk din kienetx deċiżjoni jew suġġeriment illi jsir darbtejn fis-sena.

Is-Sindku wieġbu illi l-aħħar laqgħa il-Kunsill iddeċieda illi l-magazine jiġi ppublikat darbtejn fis-sena u jtella ukoll online fil-website tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-magazin jiġi ppublikat f'Ġunju u f'Diċembru ta' kull sena.

2.1.7 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard staqsiet fuq paġna 7 punt nru 7.5 jekk sarietx il-pjanta tal-one way system tat-toroq Friefet, Gross u Ħortan.

Is-Sindku wieġiba illi għad m'hemmx pjanti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-*one way system* ta' toroq Granmastri, Kavallieri ta' Malta, Gardiel u Sallur ġew diskussi fil-laqgħa annwali.

Il-Kunsill innota illi t-toroq prosoti f'bellevista huwa wiesgħajn biżżejjed għal *two way traffic.*

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill:***

3.3 **Cleaning of Pjazza Mifsud Bonnici mic-chewwing gum (35/4486/14/I):**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li kien ra dan l-avviż fuq magazine illi jitqassam ġewwa djar u talab lis-Segretartju Eżekuttiv sabiex nġibu kwotazzjoni għal-madum tal-bandli tal-pjazza Mifsud Bonnici.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-istima hija ta' €500 exc l-vat.

Il-Kunsill qabel li nġibu stima oħra mingħand kuntrattur ieħor.

3.4 **Cirkulari AGL Cirk 51/2014 – Premju Nazzjonali Ħaddiema tas-Sena (35/4716/14/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kulħadd jista jinnomina ndividwali

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.5 **Proposta dwar dwal tal-Milied (35/4709/14/I):**

Minkejja li l-Kunsill kien irid jistenna risposta mingħand il-Wasteserv, il-Kunsill xorta iddeċieda li jkollu pjan alternattiv.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ssuġġerixa sabiex nagħmlu tip ta' LED's mal-palm għaliex jagħmlu effett sabiħ u anke jkunu bħala dawl ornamentali għal-Milied. Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri wera ritratt biex jagħti ideja ta' x'ried ifisser.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nipruvaw fuq palma quddiem il-Kunsill.

3.6 **PA 02682/14 – Proposed meter room and construction of approved rubble wall:**

Il-Kunsill innota li din l-applikazzjoni hija applikazzjoni bħal oħrajn u għaldaqstant iddeċieda illi ma jieħux azzjoni ulterjuri fuqha.

3.7 **Rigward PA 1352/08 u d-deċiżjoni li kienet ittieħdet mill-Kunsill Fishfarms il-Ħofra ż-Żgħira (35/4427/14/O):**

Is-Sindku qal li kien kitbilna is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk fejn talabna sabiex nibgħatu n-no objection tagħna. Huwa qal li wieġbu illi jekk dawn il-*fishfarms* ma jaqgħux fil-konfini tagħna allura ma għandiex għalfejn nibagħtu n-*no objection.*

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li fil-passat konna oġġezzjonajna u anke konna għamilna *press conference.*

Il-Kunsill qabel unanimament illi noġġezzjonaw għal din l-applikazzjoni kif sar fil-passat fil-minuti 41 ta' Ottubru 2012 u noġezzjonaw għal kull proposta tat-tkabbir fis-sit preżenti u anke fil-każ li l-proposta hija għal żieda fil-gaġġeġ.

3.8 **Skema Aċċessibilta + Informazzjoni meħtieġa (35/4247/14/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din hija skema maħruġa għal-Kunsilli fuq aċċesibbilta bi bżonnijiet speċjali u f'din l-iskema daħħal il-proġett ta' Ġnien ta' San Tumas.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

3.9 **Tlett korsijiet li nixtieq imressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill (35/4495/14/I):**

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li hemm il-ħsieb illi jsiru tlett korsijiet li huma *zumba, parent and child provement u line dancing* u ser jsiru ġewwa l-Happy Days studio.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa jekk għandhomx permess illi jgħallmu żfien f'dawk il-*premises*.

Is-Sindku wieġbu illi għandhom permess.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri kompla jispjega illi kull kors ser jkun fih 5 sessjonijiet u li jiswew €20 kull kors u €100 kera għal kull kors liema kera titħallas mil-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament illi ninnegozjaw prezz aħjar. Il-Kunsill jħoss illi kull kors jkun jiswa €20 u li jkun inkluż ukoll il-kera. Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri ġie nkarigat sabiex jipprova jġib prezz aħjar.

3.10 **Talba għall-attivita` ta' healing services:**

Is-Sindku ppreżenta talba sabiex issir attivita` fil-lokal ta' *healing service* min-naħa ta' *River of Love* nhar il-Ġimgħa 3 ta' Ottubru 2014.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jingħata permess għal din l-attivita u għandhom jġibu il-permessi kollha neċessarji.

3.11 ***Żieda fin-notch tal-iskrivana Lucille Bonnici mil-1 ta' Settembru 2014:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi wasal iż-żmien illi l-Iskrivana Lucille Bonnici tiżdied fin-notch mil-1 ta' Settembru 2014.

Il-Kunsill approva unanimament.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

4.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar irrimarka fuq pagament nru. 1741 tal-kuntrattur tal-knies għaliex mhux qed jiġu jiffirmaw l-erba ħaddiema kif stipolat fil-kuntratt. Huwa kompla jgħid illi l-persuni assenjati mill-ħabs mhux suppost jiffirmaw fil-kuntratt għaliex dawn qedgħin b'żieda mal-ħaddiema u mill-1 ta' Ottubru l-ħaddiema jridu jiġu jiffirmaw kemm filgħodu u kif ukoll wara nofs in-nhar qabel jitilqu. Huwa ġibed l-attenzjoni ukoll illi mhux qed jużaw boroż bojod kif stipulat fil-kuntratt u għaldaqstant huwa tal-opinjoni li minn issa 'l quddiem tittieħed azzjoni mill-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nibgħatu ittra qabel ma tinbeda l-proċedura li jinħarġu *default notice.*

4.2 Il-Viċi Sindu s-Sinjorina Desiree` Attard staqsiet fuq pagament nru.1803 kemm kien l-ammont tal-globi li nxtraw.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri wieġiba illi nxtraw 4 globi iżda b'differenza illi sabiex isirilhom manutenzjoni kellhom jaqalgħhom joħduhom biex issir il-manutenzjoni u jerġu jwaħluhom. Apparti minn hekk kienet saret manutenzjoni fuq il-bażi tal-konkoss liema bażi kienu maqsuma bis-sadid.

4.3 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri staqsa fuq pagamenti nru.1843 u nru.1845.

Is-Sindku wieġbu illi pagament nru.1845 huma drink wara t-tberik tal-annimali u pagament nru.1843 hija ikla li marru għalija hu, il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar u l-kordinatur ta' Iljieli Skalin u xi helpers oħra wara l-attivita ta' Iljieli Skalin.

4.4 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq pagamenti numri 1842 u 1846 għax immarkati bl-istess data.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi kien hemm żball u pagament nru.1846 d-data trid taqra 12 ta' Settembru 2014.

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera illi l-van tal-Kunsill kien qed jintuża għal skop kummerċjali ġewwa Ħaż Żabbar u ser jgħamilha ċara mal-ħaddiema illi mhux ser jitollera iktar ċirkustanzi simili.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri irrimarka ukoll fuq pagament nru 1837 rigward l-*overtime* għaliex huwa għoli.

Is-Sindku wieġbu illi qed nifrankaw ħafna spejjeż li kieku kellna nqabdu l-kuntrattur.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Cinatar qal li l-overtime tas-Sibt għandu jsir fuq xogħol speċifikat.

Il-Kunsill qabel unanimament illi s-Segretarju Eżekuttiv jinforma lill-ħaddiema bil-miktub rigward l-affarijiet kollha li jridu jinbidlu u n-nuqqasijiet kollha li jridu jiġu ndirizzati.

4.5 Is-Segretarju Eeżkuttiv nforma lill-Kunsilliera rigward miżura 125 illi ix-xogħol fil-limiti tal-mozz ġie jiswa €35,000 iżda mhux ser nħalsuhom kollha aħna iżda ser niġu rifużi l-flus skond il-grant agreement.

4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta lill-Kunsilliera ċertifkat tal-Crossroads rigward l-asfalta ta' Triq La Sengle li ġie jiswa €49, 511.84 apparti l-ispiża ta' madwar €5000 li għad trid titħallas lil kuntrattur tax-xogħol. Huwa kompla jsipjega li din it-triq ġiet tiswa dashekk minħabba li kien hemm problema fil-bażi ta' din it-triq peress li kienet bil-ħamrija.

Il-Kunsill qabel unaimament illi jitħallas dan il-kont.

**l-Kunsilliera is-Sur Charlot Mifsud ppropona l-awtorizzazjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt issekonda.**

**Il-Kunsill approva unanimament.**

5.0 ***Mistoqsijiet:***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija.

6.0 ***Mozzjonijiet:***

6.1 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John B Camilleri (#083 – 25/8/14):**

*"Jipproponi sabiex li nagħmlu bozza ġdida fi trejqa ġewwa bajja San Tumas".*

Il-Kunsill qabel unanimament.

6.2 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John B Camilleri (#084 – 16/9/14):**

*"Jipproponi sabiex fi triq Il-Qalliet in-naħa tal-leisure park jiġi nstallat apparat li jikkontrolla s-sewqan eċċessiv".*

Il-Kunsill qabel unanimament illi nitolbu lit-TM sabiex jiġu nstallati l-kameras.

7.0 **Informazzjoni mill-Kunsilliera:**

7.1 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa jekk kellniex risposta rigward il-bieb li hemm mgħaluq fi Triq l-Iskal

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li l-ittra bgħatnija mma ma rċevejniex risposta u għaldaqstant ser terġa tintbagħat *reminder*.

8.0 **Aġġornament:**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-10.30p.m. Il-laqgħa li jmiss ser ssir Nhar it-Tlieta 28 ta' Ottubru 2014 fis-6.00pm

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku